# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M (IMLI)., LL.D.

Seduta tas-27 t'Ottubru, 2016

Appell Numru: 191/2011

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Eric Scicluna**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant Eric Scicluna, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 358572M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli a) fit-12 ta' April, 2010 filghodu fl-inhawi ta' Mtarfa kien ghall-kacca u garr senter u munizzjon waqt stagun mghaluq; b) talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi garr barra fond arma u/jew munizzjoni minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija; c) ukoll talli sar recidiv b'diversi sentenzi tal-Qrati datati 25 ta' Settembru, 1998 (Qorti tal-Appell Kriminali); 21 ta' Novembru, 2001 (Mag. Dr. A. Micallef Trigona); 8 ta' Novembru, 2004 (Mag. Dr. A. g. Vella); 17 ta' Lulju, 2006 (Mag. Dr. Apap Bologna); 13 ta' Mejju, 2009 (Mag. Dr. A. G. Vella) liema sentenzi huma kollha definittivi u ma jistghux ikunu mibdula. Il-Qorti kienet mitluba li barra l-piena skond il-ligi tikkonfiska l-oggetti esebiti kif ukoll ir-revoka permanenti ta'

kull licenzja jew permess mahruga taht l-Att dwar l-Armi u l-Avviz Legali 79 ta' 2006 kif sussegwentement emendat;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-6 ta' April, 2011, li biha wara li rat l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u r-regolamenti 18(1)(a) u 12(1) tal-Avviz Legali 79 tal-2006, LS 504.71 sabet lil appellant hati u kkundannatu sitt xhur prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fi1-15 ta' April, 2011 li permezz tieghu talab lil din il-Qorti <u>thassar, tirrevoka u tannulla</u> s-sentenza appellata u konsegwentement tiddikjara lill-esponent mhux hati tal-imputazzjonijiet lilu addebitati u/jew alternattivament <u>tvarja</u> l-istess sentenza f'dik il-parti taghha li tirrigwarda l-piena nflitta;

Rat is-sentenza taghha tat-13 ta' Lulju 2012;

Fliet l-atti kollha processwali u rat l-ittri rogatorji esebiti fil-mori tal-appell mill-Avukat Generali b'nota tal- 5 ta' Lulju 2016;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet lill-partijiet;

Ikkunsidrat:

1. Fl-udjenza tat-13 t'Ottubru, 2016 l-abbli difensur tal-appellant, Dott. Joseph Giglio, irtira l-aggravji migjuba fir-rikors ta' appell hlief ghal dak rigwardanti l-piena, u cioe' l-aggravju tan-nullita' tas-sentenza, dak dwar l-apprezzament hazin tal-provi mill-ewwel Qorti u dak dwar l-apprezzament erronju tal-ligi mill-istess Qorti enumerati paragrafi

wiehed sa tlieta. Dwar l-ewwel aggravju, igifieri dak dwar in-nullita' tas-sentenza appellata, din il-Qorti gia ddisponiet minnu bis-sentenza taghha tat-13 ta' Lulju 2012 fejn kien deciz illi is-sentenza fiha r-rekwiziti kollha tal-ligi u ma tistax tigi attakkata. Ghalhekk din il-Qorti ser tikkonsidra biss r-raba' aggravju fejn l-appellant jikkwerela bhala eccessiva, l-piena kominata mill-ewwel Qorti;

2. Illi fil-kwistjoni dwar il-piena kominata mill-ewwel Qorti huwa ormaj palezi illi fil-funzjoni taghha *qua* Qorti tal-Appell Kriminali m'ghandhiex tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-Qorti tal-ewwel grad sakemm dik il-piena hekk inflitta kienet fil-parametri tal-ligi u ma kellhiex tinghata piena anqas jew aktar minn dik indikata. L-Avviz Legali 79 tal-2006 kif originarjament promulgat, jipprovdi illi fil-kaz meta persuna tinsab hatja ghat-tieni darba tar-reati hemm indikati, ghandha tinghata l-piena tal-multa ta' mhux anqas minn mitt lira Maltin u mhux aktar minn elf lira Maltin, llum ekwivalenti ghall-€232.93 u €2329.37. Ma kien hemm ebda bdil fil-piena kominabbli fid-data tal-kommissjoni tar-reat. Issa, l-ewwel Qorti sabet lill-appellant recediv fit-termini tal-artikolu 49 u 50 tal-Kodici Kriminali u dan ghaliex fil-fatt huwa pluri recidiv in rigward ta' reati kontra r-regolamenti dwar il-konservazzjoni tal-ghasafar selvaggi. L-artikolu 31 (1)(f) jipprovdi li t-tlugh mill-piena tal-multa isir ghal-prigunerija ghall-zmien mhux izjed minn tlett xhur. Ghalhekk mhux car kif l-ewwel Qorti ghazlet li tikkundanna lill-appellant ghal-piena ta' prigunerija ta' sitt xhur anke ghaliex ir-regolamenti li dwarhom instab reita gia jipprovdu ghal-piena ohra f'kaz tat-tieni reat. F'tali cirkostanzi ikun opportun li Qorti tispjega kif tkun ikkomputat il-piena anke sabiex f'kaz ta' appell il-Qorti ikollha quddiemha tali komputazzjoni;

3. Illi ghalhekk, jidher li hemm lok ghal-temperament fil-piena u ghal dawn il-motivi tiddisponi minn dan l-appell billi tvarja s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijet dedotti kontra tieghu, tvarjaha f'dik il-

parti fejn ikkundannatu ghal-terminu ta’ prigunerija ta’ sitt xhur u minflok tikkundannah ghall-hlas ta’ multa ta’ €2329.37.